uniteIT
e-Inclusion Network

# NETWORK UNITE-IT GĦALL-INKLUŻJONI DIĠITALI

Imħaddem minn

telecentre europe
digital community networking

# DESKRIZZJONI ĠENERALI 2014 – UNITE-IT

Għalkemm in-network Unite-IT iċċelebra t-tieni sena tiegħu, il-proġett ilu biss **sena kompletament operattiv** u kompla jespandi, jikber u jiżviluppa xahar wara xahar. Filwaqt li l-ewwel sena tal-proġett kien iffukat l-aktar fuq l-iddisinjar, l-iffurmar u l-bini tal-komunità, matul it-tieni sena bdejna naraw l-użu reali u l-kollaborazzjoni ta' dawk involuti fl-inklużjoni diġitali, tal-esperti u tar-riċerkaturi. Dan il-ktejjeb jiġbor fil-qosor, u jenfasizza wkoll, xi fatti u ċifri ewlenin tan-network Unite-IT sa tmiem l-2014.





## IL-MEMBRI

Fl-aħħar tal-2014, il-komunità online tal-Unite-IT kienet tiġbor fi ħdanha **577 membru individwali** minn 78 pajjiż. Għalkemm il-Unite-IT huwa primarjament network Ewropew għall-inklużjoni diġitali (fil-fatt 72% tal-membri huma minn pajjiżi Ewropew), s'issa il-proġett irnexxielu jiġbed membri minn madwar id-dinja (28% tal-membri). Mill-aspett ta' sess, hemm aktar nisa minn irġiel irreġistrati mal-komunità, b'żewġ membri minn kull tlieta li huma nisa.



# IL-KUNTEST U L-AĠĠORNAMENT TAL-INKLUŻJONI DIĠITALI FL-EWROPA

Ċifri relatati mal-ħiliet u l-inklużjoni diġitali juru li sar progress iżda li fadal ħafna iktar xi jsir, b'mod speċjali għal dawk il-gruppi meqjusin bħala żvantaġġjati (nies bla impieg, dawk b'edukazzjoni limitata, irtirati, inattivi, eċċ.). Jinħtieġu aktar riżorsi u parteċipazzjoni iżjed attiva ta' diversi għaqdiet lokali fil-komunitajiet sabiex jintlaħqu dawk li huma aktar vulnerabbli u żvantaġġjati u b'hekk nilħqu wkoll t-23% tal-popolazzjoni Ewropea li għadha mhijiex parti mis-soċjetà informatika.

In-network ta' għaqdiet u individwi li qed jappoġġjaw il-Unite-IT huma kruċjali sabiex intejbu ċ-ċifri attwali li għandhom x'jaqsmu mal-inklużjoni:





**47%** tal-popolazzjoni fl-UE m'għandhiex ħiliet diġitali biżżejjed, **23%** m'għandhom l-ebda ħiliet diġitali.



**64%** ta' dawk żvantaġġjati (fl-età ta' bejn l-55 u l-74 sena) m'għandhomx livelli aċċettabbli ta' ħiliet diġitali, **38%** m'għandhom l-ebda ħiliet diġitali.



**39%** tal-ħaddiema fl-UE m'għandhomx ħiliet diġitali biżżejjed, **14%** m'għandhom l-ebda ħiliet diġitali.

# IL-KOMUNITÀ GĦALL-INKLUŻJONI DIĠITALI UNITE-IT F'ĊIFRI

577 membri

791 blogposts u artikli

68 albums tar-ritratti

1700 ritratti

122 videos

88 attivitajiet

4 gruppi ta' ħidma

# IT-TIENI KONFERENZA ANNWALI TAL-UNITE-IT





It-tieni Konferenza Annwali tal-Unite-IT saret fl-24 u l-25 ta' Settembru 2014 f'Żagreb, il-Kroazja. Fiha ħadu sehem aktar minn 120 membru tal-Unite-IT li ddiskutew żviluppi attwali u pproponew soluzzjonijiet fil-qasam tal-inklużjoni diġitali (e-Inclusion) fl-Ewropa.

# IL-PREMJIJIET GĦALL-INKLUŻJONI DIĠITALI TAL-UNITE-IT 2014

Wieħed mill-aktar mumenti importanti matul il-konferenza annwali kien dak tal-Premjijiet għall-Inklużjoni Diġitali tal-Unite-IT. Din iċ-ċerimonja serviet bħala rikonoxximent internazzjonali għal dawk l-għaqdiet li jaħdmu fuq bażi lokali fil-qasam tal-inklużjoni diġitali.



**PREMJU GĦALL-PARITÀ SESSWALI** *Handmade and IT for Women* ta' **Pontus Euxinus Library, Navodari,** r-Rumanija

**PREMJU GĦALL-IMPJEGABILITÀ TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ** *Social Innovation Environment* ta' **Consorcio Fernando De Los Ríos,** Spanja

**PREMJU GĦAT-TAĦRIĠ U L-EDUKAZZJONI** *Telecottage Katedra: Smartphones* ta' **Regional Telecottages Public Association of South Hungarian Plain,** l-Ungerija

**PREMJU GĦALL-GRUPPI VULNERABBLI** *e-Accessible Education* ta' **Open the Windows,** il-Maċedonja

# ĠABRA TAL-AĦJAR PRATTIĊI

Tista' tikkwalifika sabiex tieħu sehem fl-edizzjoni 2015 tal-Premjijiet għall-Inklużjoni Diġitali tal-Unite-IT billi ttella' ir-riżorsi, l-aħjar prattiċi jew politika nazzjonali tiegħek!

**Sa tmiem l-2014, kien hemm 79 eżempji ta' best practices sottomessi lill-Unite-IT.**

- 13 Il-Belġju
- 1 Franza
- 1 Il-Ġermanja
- 1 L-Irlanda
- 1 L-Iżvezja
- 11 Il-Kroazja
- 12 Il-Latvja
- 3 Il-Litwanja
- 2 Malta
- 2 Il-Polonja
- 2 Ir-Renju Unit
- 1 Ir-Repubblika tal-Maċedonja
- 7 Ir-Rumanija
- 9 Is-Serbja
- 2 Spanja
- 11 L-Ungerija

**L-aktar gruppi li jeħtieġu attenzjoni f'dik li hi l-inklużjoni diġitali huma dawk bla impieg, l-anzjani, il-pubbliku in ġenerali u ż-żgħażagħ.**

- L-Anżjani 10
- Dawk neqsin mid-dawl 2
- Gruppi Vulnerabbli 1
- Dawk bla impieg 14
- Iż-Żgħażagħ 9
- Il-Pubbliku in ġenerali 10
- Żgħażagħ soċjalment esklużi 4
- L-Għalliema 2
- Il-Librara 4
- e-Facilitators 2
- Gruppi rurali 7
- Impjegati f'Telecentres 2
- Minoritajiet etniċi 1
- L-Istudenti 6
- L-Impjegati 2
- Impjegati ma' NGOs 3

**Aktar minn 75% tal-eżempji tal-aħjar prattiċi mogħtija lill-Unite-IT kellhom x'jaqsmu mal-ħiliet diġitali, l-impjegabilità u l-korsijiet speċjalizzati fl-IT.**



# GRUPPI TA' ĦIDMA TAL-UNITE-IT FL-2014



**IL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR IL-PARITÀ SESSWALI** 16 membri, 10 suġġetti importanti

Webinar Proġetti ta' tagħlim tal-ICT li għaddew minn għarbiel ta' parità sesswali
Diskussjonijiet Prinċipali Li jkunu attirati aktar bniet lejn suġġetti STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika), l-isterjotipi, l-impjegabilità tan-nisa



**IL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR L-IMPJEGABILITÀ TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ** 24 membri, 8 suġġetti importanti

Webinar YouRock.jobs – skopri l-ħiliet moħbijin sabiex issib impieg

Diskussjonijiet Prinċipali meta l-ħiliet ma jaqblux, il-logħob, il-coding, aktar kuxjenza, impjiegi għaż-żgħażagħ



**IL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR GRUPPI VULNERABBLI** 33 membri, 11 suġġetti importanti

Webinar L-ICT u l-Persuni b'diżabilità
Diskussjonijiet Prinċipali L-anzjani, l-preġudizzji, dawk li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien, teknoloġiji li jgħinu, l-ostakoli li jxekklu l-inklużjoni diġitali



**IL-GRUPP TA' ĦIDMA DWAR L-EDUKAZZJONI U T-TAĦRIĠ** 65 membri, 16 suġġetti importanti

Webinar kif tmexxi kampanja ta' ċertifikazzjoni b'suċċess
Diskussjonijiet Prinċipali Qafas ta' kompetenzi diġitali, taħriġ u ċertifikazzjoni ta' tmexxija ta' negozju, fondi

# L-IMSIEĦBA FIL-PROĠETT




**Il-Belġju**

**Telecentre-Europe**
www.telecentre-europe.org

**Interface3**
www.interface3.be

**The National Union of Students in Europe**
www.esu-online.org

**Il-Kroazja**

**Telecentar**
www.telecentar.com

**L-Ungerija**

**Foundation for Development of Democratic Rights**
www.demnet.hu

**Il-Latvja**

**Latvian Information and Communication Technology Association**
www.likta.lv

**Malta**

**Malta Communications Authority**
www.mca.org.mt

**Ir-Rumanija**

**EOS Foundation – Educating for an Open Society Romania**
www.eos.ro

**Serbja**

**IAN International Aid Network**
www.ian.org.rs

Programm Tagħlim Tul il-Ħajja

© UniteIT, 2015
Dan il-proġett kien iffinanzjat bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea.
Din il-pubblikazzjoni tirrifletti l-opinjoni tal-awtur u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawnhekk.